MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2002

Numru 242/2002

**Il-Pulizija**
**(l-Ispetturi Josric Mifsud u Robert Gregory, u l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-Ispettur Sandro Zarb)**

**vs**

**Mohamed Edman Ismael Musrati**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Mohamed Edman Ismael Musrati, ta' 27 sena bin Edman u Zohra Musrat, imwieled Tripoli nhar il-15 ta' Awissu 1975, residenza mhux maghrufa, detentur tal-passaport Libjan mhux maghruf; akkuzat talli:

F’dawn il-gzejjer matul il-lejl ta’ bejn it-22 u t-23 ta’ Gunju, 2002, u zmien ta’ qabel, go San Giljan, u fi bnadi ohra f’Malta, f’hinijiet differenti;

a. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b. ukoll talli matul dawn l-ahhar xhur, minghajr ma inghata permess ta’ residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni.

Semghet it-talba tal-prosekuzzjoni li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi tiddikjara lill-imsemmi imputat bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta’ tnehhija kontra tieghu u tenur ta’ l-Artikoli 5(2A) u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll tordna lill-imputat ihallas l-ispjjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja mhux opposta mill-imputat;

Semghet l-ammessjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Wara li semghet l-ammessjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat;

Wara li rat l-artikoli 5 u 15 tal-Kapitolu 217;

Issibu hati u tikkundannah:

Sena prigunerija, liema prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul sena millum ma jikkommettix reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija u dan bl-

applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Tnehhija minn dawn il-Gzejjer kontra l-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li l-oggetti jigu distrutti u tinnomina ghal dan il-ghan lill-Ispizjar Mario Mifsud.

Il-Qorti fissret il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------